# L-istorja tax-Xjenza Forensika

Minn CHARLES AQUILINA

Il-kelma 'forensika' għandha oriġini mil-lingwa Latina u tfisser "tal-qrati". Fil-pajjiżi li jitkellmu l-ilsien Ingliż, jużaw ukoll l-espressjoni "ġurisprudenza medikali", fil-waqt li l-Franċiżi u l-Ġermaniżi jużaw it-termini "médiciné légale" u "gerichtiliche Medizin" rispettivament.

Ix-xjenza forensika tmur lura għall-eqdem żminijiet, fejn insibu li madwar 3000 sena Q.K., ċertu Eġizzjan li kien jismu Imhotep, kien il-Prim Imħallef kif ukoll it-Tabib tal-Qorti, b'hekk nistgħu ngħidu li kien l-ewwel espert mediku-legali.

Insibu fil-kotba tal-istorja tal-mediċina li l-ewwel awtopsji u sbarri (post-mortem examination) fuq iġsma ta' nies mejta, saru għal ħabta tat-tielet seklu Q.K. Il-kirurgi Herophilus u Erasistratus, it-tnejn minn Lixandar, wettqu għadd kbir ta' tqattiegħ ta' kadavri biex jagħmlu studju fuq il-mard, għalkemm iżda ma nsibu qatt li attribwew dawn l-awtopsji biex jeżaminaw xi vittma maqtula.

Iżda nsibu li ċertu kirurgu Ruman, Antistius, wettaq l-ewwel awtopsja b'konnessjoni ma' delitt. Antistius kien għamel studju fuq il-kadavru ta' Ġulju Cesare wara li dan kien ġie assasinat. Huwa kien innota tlieta u għoxrin daqqa ikkaġunati minn strument bil-ponta u li jaqta', iżda waħda biss minn dawn id-daqqiet kienet għaddejja u tippenetra fil-qalb, b'riżultat ta' konsegwenzi fatali.

Iżda bosta awtoritajiet ta' l-istorja tal-mediċina jgħidulna li l-ewwel patologu forensiku kien it-tabib Grieg-Ruman, Galen, li għix bejn is-sena 130 u 200 W.K. Galen wettaq għadd kbir ta' sbarri u awtopsji, u kien l-ewwel tabib li kien kapaċi jirreċiproka s-sintomi esterni mas-sinjali interni ta' xi pazjent wara l-mewt. Galen ħallilna żewġ opri kbar, wieħed li kien jittratta dwar l-anatomija, "De anatomicis administrationibus, libri i-ix" u l-oħra dwar il-patoloġija "De locis affectis". F'wieħed mixxogħlijiet tiegħu, Galen, jirrakkonta storja ħelwa. Darba waħda kien hemm mara li weldet tarbija, li ma kienet tixbaħ xejn lil żewġha. B'hekk dan l-imsejken raġel akkuża lil martu b'adulterju, li l-piena tiegħu dak iż-żmien, kienet dik tal-mewt. L-awtoritajiet ħatru tabib (ħabib ta' Galen) biex jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji, qabel ma jkunu jistgħu jagħtu l-verdett. Dan it-tabib eżamina bir-reqqa l-kamra tas-sodda ta' din il-mara u ħareġ b'din il-konklużjoni. Dik it-tarbija ħadet surita minn statwa li kienet biswiet is-sodda ta' dik il-mara, li waqt it-tqala tagħha kienet ta' sikwiet tħares lejha, u b'hekk irriżulta effetti fuq l-għamla tal-wiċċ ta' dik it-tarbija. Wara l-awtoritajiet ħelsu lil din il-mara minn kull akkuża.

Mill-era ta' Galen kellhom jgħaddu mijiet ta' snin biex ikompli l-progress fi sbarri ta' kadavri 'suspettużi'.

Kien għal ħabta tas-sena 1248, li ktieb li kien iġib l-isem ta' "Hsi Yuan Lu" deher fiċ-Ċina u dan kien jitratta dwar l-investigazzjonijiet ta' omiċidji, vittmi t'assalti, u l-proċedura ta' kif dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-qrati.

Mil-lenti tal-mediċina dan il-ktieb kien ta' mportanza kbira għax kien ifisser sew dak li Harvey skopra sekli wara, jiġifieri li demm jiċċirkola mal-ġisem. Mill-att forensiku kien ukoll ta' valur imprezzabbli, fejn fost l-oħrajn insibu li jenfasizza



**Erasistratus (300 BC)**

fuq l-evidenza fiżikali u jgħid dawn il-preċiżi kelmiet "li kollox jista' jiddependi fuq id-differenza bejn xagħra u oħra". F'dan il-ktieb insibu wkoll kif wieħed jista' jistabbilixxi xi forma ta' għarqa jew tgħallieq, b'liema arma ġiet maqtula xi vittma, jew jekk xi ġisem jinstab maħruq jew mgħarraq kienx maqtul qabel jew le. Iżda bħal ħafna xogħlijiet antikwati oħra fil-mediċina "Hsi Yuan Lu" kien jidħol fil-konċetti tal-maġija u superstizzjoni.

Fuq il-parti l-oħra tal-globu l-progress kien miexi bil-mod. U kien għal ħabta tas-seklu tlettax, li għall-ewwel darba fl-Ewropa, eżattament fit-Tramuntana ta' l-Italja, li qrati ħatru esperti tal-mediċina biex ikunu jistgħu jagħtu l-pariri tagħhom dwar xi każi li tkun ġiet użata l-vjolenza.

Fil-bidu tas-seklu erbatax id-disezzjonijiet ta' iġsma mejta għal studju fl-anatomija beda jieħu l-ħajja. Għalhekk il-knisja kienet bdiet tikkritika dawn id-disazzjonijiet umani u kkundannathom. Xi sbarri bdew jitħallew isiru biss f'xi każijiet ta' avvelenar.

B'hekk il-proċedura ta' evidenza medikali fil-qrati kellha titħalla fil-ġenb, sakemm fis-sena 1507 ir-rata ta' delitti u infantiċidji kienet żdiedet allarmanti. L-Isqof ta' Bamberg kien ippubblika l-ktieb "Constitutio Bambergensis Criminalis". F'dan il-ktieb insibu appell biex f'dawk il-każijiet li tkun ġiet użata l-vjolenza kellu jiġi mgħajjat patologu biex dan jieħu notamenti tal-ġrieħi li tkun ġarbet il-vittma u dan wara jagħti l-konklużjonijiet tiegħu lill-qrati.

Fl-1533 l-Imperatur Karlu V ippubblika l-kodiċi penali, li kienu ta' kmand legali għal biċċa l-kbira ta' l-Ewropa Ċentrali li kienet maħkuma minn dan l-Imperatur. Dawn il-kodiċi li kienu miġbura mill-Elettur ta' Brandenburg huma l-eqdem dokument ta' importanza fil-ġurisprudenza medikali. Dawn il-kodiċi kienu jġibu l-isem "Constitutio Criminalis Carolina". F'dawn il-kodiċi nsibu li l-Imħallfin kellhom l-awtorità li jaħtru esperti f'każijiet mediko-legali. Għalkemm ftit li xejn hemm imsemmija awtopsji jew sbarri f'dan il-ktieb, insibu enfasi biex il-patologi li jkunu qegħdin jeżaminaw xi vittma għandhom fid-dover li jifthu l-ġrieħi biex ikunu jistgħu jiddeterminaw id-direzzjoni u l-fond li l-arma tkun ipenetrat fil-ġisem. F'dawn il-kodiċi ftit li xejn insibu inspirazzjoni għall-patologi forensiki ta' dak iż-żmien. Iżda jikkonċerna l-aktar it-tobba biex ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk persuna akkużata kienetx fi stat fiżikament b'saħħitha għat-tortura.

Fl-1543, Andreas Vesalius, ippubblika l-ktieb "De humani corporis fabrica libri septem." Dawn it-teżi huma illustrati b'disinji mill-aktar sbieħ, tal-ġisem uman u kienu l-bidu tat-triq it-twila tal-Mediċina Moderna.

Ħames snin wara li ġie ppubblikat dan il-ktieb, il-Papa Klement VI, ordna lit-tabib privat tiegħu, Guy de Chauliac, biex iwettaq awtopsji u sbarri fuq il-kadavri, vittmi tal-pesta li kienet qegħda taħkem f'dak iż-żmien, bit-tama li tinstab xi kura għal dik il-marda qerrieda.



Galen (130 AD)

Fis-seklu sittax l-avvanz fix-xjenza forensika mexa ħafna 'l quddiem. Dan l-avvanz nattribuh lil Ambroise Pare minn Pariġi, Fortunato Fideli minn Palermo u Paolo Zacchias minn Ruma, it-tlieta kienu dixxipli ta' Vesalius.

Ambroise Pare kien għamel studju intensiv fuq l-organi, ta' vittmi maqtula; – qalb, il-fwied, il-pulmun u ħafna organi oħrajn. Huwa produċa deskrizzjoni tal-pulmun ta' tfal li jkunu mietu fgati, jagħtina deskrizzjoni tajba ta' reati sesswali u jtina fid-dettal l-effetti viżibli li jħallu warajhom

dawn l-attakki sesswali.

Fortunato Fideli ddevota l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tiegħu għal dawk il-każijiet li jkunu konnessi ma' xi għarqa, u pubblikahom fil-ktieb tiegħu "De relationibus medicorum" (1602).

Paolo Zacchias għamel riċerka vasta fuq ġrieħi kawżati bil-balal, strumenti bil-ponta u li jaqtgħu, huwa wettaq riċerka kbira fuq varjetà ta' kaji ta' abort u infantiċidji u asfissija. Wasal biex jagħmel distinzjoni bejn suwiċidju u omiċidju u għamel riċerka fuq aspetti mediko-legali ta' insanità. Bejn l-1621 u l-1661 ippubblika x-xogħlijiet tiegħu li kienu jġibu l-isem "Quaestiones medico-legales. 9 vols".

Fl-1679, Théophile Bonet ippubblika l-ktieb tiegħu "Sepulchretum sive anatomia practica ex cadaveribus morbo denatis". F'dan il-ktieb insibu spjegat li skoperti li għamel fit-3000 awtopsja li wettaq fil-karriera tiegħu.

Giovanni Battista Morgagni (1682-1771), Missier il-Patoloġija Moderna, ippubblika ktieb "De sedibus, et causis morborum per anatomen indagatis libri quinqune (1761)". F'dan il-ktieb insibu sebgħin ittra li jittrattaw dwar 700 sbarra. Morgagni kien kapaċi jagħmel relazzjoni reċiproka bejn ir-rekord klinikali ta' xi pazjent għal ma' dawk li skoperti li jagħmel waqt li sbarra.

Fl-1663 il-kirurgu Thomas Barthilinus ħallilna dak li nistgħu ngħidu l-ewwel test xjentifiku fil-forensika. Hu jgħidilna wieħed mill-metodi ta' kif tista' tgħid jekk tarbija tweldietx ħajja jew le, permezz li tfittex għall-preżenza ta' l-arja fil-pulmun.

Jan Swammerdam (1637-1680) kien għamel skoperta oħra, li l-pulmun ta' tfal tat-twelid iżomm f'wiċċ l-ilma jekk it-tarbija tkun irrespirat. Huwa ppubblika dawn l-iskoperti fil-ktieb "Tractatus physio-anatomico-medicus de respiratione usuque pulmonum (1667). Iżda Dr Johann Shreyer minn Pressburg (illum Bratislava) kien l-ewwel wieħed li poġġa fil-prattika li skoperta ta' Swammerdam. Huwa ppubblika x-xogħol tiegħu fil-ktieb "Erörterung und Erläuterung der Frage: Ob es ein gewiss Zeichen, wenn eines todten Kindes Lunge im Wasser untersinchet, dass solches in Mutter – Leibe gest orben sey? Zu Rettung seiner Ehre in Druck befördert (1690)".


**Andreas Vesalius 1543**

Fis-seklu sbatax l-avvanz fix-xjenza forensika baqa' miexi b'ritmu mgħaġġel u fl-1642, żewġ tobba Ġermaniżi, Bohn u Michealis, bdew għall-ewwel darba jagħtu korsijiet fl-Università ta' Liepzig, liema korsijiet kienu jittrattaw dwar il-mediċina forensika. Matul il-kumplament ta' dak is-seklu ħafna universitajiet distinti fosthom ta' Praga u Vjenna bdew jagħtu korsijiet fuq it-termini ta' "mediċina legali u iġjene pubbliċi".

Il-kunċett tal-mediċina pubblika kienet tista' tgħid frott tar-Rivoluzzjoni Franċiża, u kienet x'aktarx l-aħjar imfissra mit-tabib Francois Emmanuel Fodéré (1764-1835) fil-ktieb tiegħu, "Les lois éclairées par les sciences physiques, ou traité de médicine légale et hygiène publique (1799). Xogħol ieħor fuq din il-materja kien ta' Johann Peter Frank minn Vjenna. It-tnejn li huma kienu bbażaw ix-xogħlijiet tagħhom fuq żewġ problemi li kienet qegħda tiffaċċja l-Ewropa f'dak iż-żmien. Fuq naħa konna nsibu l-problema ta' nuqqas ta' nies ikkwalifikati fil-mediċina biex jagħtu l-pariri tagħhom lill-qrati fuq każijiet ta' qtiel, stupri jew inġurji oħra. Il-problema l-oħra kienet dik ta' nuqqas ta' drenaġġi adekwati u nuqqas ta' ilma għall-konsum.

Bil-pubblikazzjoni tal-Kodiċi ta' Napuljun fl-1808, it-teoriji ta' Fodéré u Frank ingħataw il-ħajja. Fost dawn insibu t-tneħħija tat-tortura u l-bidu ta' proċeduri għall-qrati Ewropew f'dik li hij eżaminazzjonijiet pubbliċi. Ix-xogħol ta' eżaminatur mediku beda jiġi attwat, u mhux aktar bħala sigriet, jew xi ritwal tal-biża' b'kurżitajiet makabri, iżda bħala servizz vitali għall-pubbliku. Minn dak iż-żmien 'l hawn is-sistema ta' 'Pulizija Kirurgu' bdiet tiġi ntrodotta u sas-seklu dsatax ħadd ma seta jokkupa din il-kariga jekk ma jkunx ħa taħriġ neċessarju f'xi waħda mill-Universitajiet ta' Praga u Vjenna.

Xogħlijiet oħra kbar fil-ġurisprudenza medikali kienu jinkludu, "Corpus juris medico-legale (1722)" ta' Micheal Bernhard Valentini li kien l-ewwel xogħol sistematiku dwar il-mediċina forensika. "Systema jurisprudentiae medicae 6 vols. (1736-47)" ta' Micheal Alberti, xogħol li kien jittratta dwar dak kollu li jaqa' taħt il-kappa tal-ġurisprudenza medikali.

L-ewwel xogħol bil-lingwa Ingliża ġie ppubblikat fl-1788 minn Samuel Farr u kien iġib l-isem ta' "Elements of medical jurisprudence".

Fuq in-naħa l-oħra tal-Kanal Ingliż, l-avvanz fil-forensika kien miexi bil-mod aktar. Kien fissena ta' l-1801 li għall-ewwel darba, it-tabib akkademiku Andrew Duncan, beda jagħti letturi fuq il-mediċina legali, fl-Università ta' Edinburgh.

Bħal sħabu l-kirurgi l-oħra, Duncan sab xkiel mil-liġi minħabba r-restrizzjonijiet li kien hemm imponuti fuq l-użu ta' l-iġsma għad-dissezzjoni. Dawn ir-restrizzjonijiet taw bidu għall-magħrufa "body snatchers" jew "resurrection men", dawn innies kienu jisirqu l-iġsma ta' nies mejta biex wara kienu jiġu mibjugħa lit-tobba u kirurgi biex jagħmlu l-istudju fuqhom.

Insibu li fl-1829 ċertu William Burke u ieħor Hare ġew mogħtija l-piena tal-mewt wara li nstabu ħatja li kienu qegħdin joqtlu vittmi innoċenti biex wara dawn kienu jbigħuhom fl-iskola tal-mediċina ta' l-Università ta' Edinburgh.

Andrew Duncan kien ġie nfluwenzat ħafna bl-istil Ewropej, tal-mediċina pubblika tant li riżultat ta' dan, ibnu, li kien jismu wkoll Andrew sar l-ewwel Professur tal-Mediċina Forensika.

L-influwenza ta' l-Ewropa u

Edinburgh qasmet għan-naħa l-oħra ta' l-Atlantiku u għal ħabta ta' l-1804, il-kirurgu James S. Stringham ta kors ta' letturi fuq il-forensika, fil-Kulleġġ ta' Columbia, New York. Stringham temm dawn il-korsijiet b'suċċess tant li fl-1813, huwa ngħata l-presidenza ta' Ġurisprudenza Medikali, istituzzjoni mwaqqfa mill-American College of Physicians and Surgeons, tal-belt ta' New York; – l-ewwel professur ta' din ix-xorta fl-Istati Uniti. Fuq l-inkoraġiment ta' Stringham, Dr T.R. Beck, beda sensiela oħra ta' letturi, fil-College of Physicians and Surgeons ta' Western District u Fairfield, New York.

Fil-ftit snin wara bosta skejjel tal-mediċina bdew jiftħu stabbilimenti forensiċi.

Għalkemm kien sar dan il-progress kollu, it-teknika wżata waqt id-dissezzjonijiet għall-anatomija ftit li xejn tbidlet minn dik is-sistema wżata fi żmien Vesalius, u l-osservazzjonijiet kienu għadhom isiru b'permezz viżwali.

Kien il-mikroskopju li kien ivvintat fis-seklu sbatax, iżda ġie njorat għal aktar minn mitt sena min-nies tal-mediċina, li bidel il-format ta' l-affarijiet kollha.

Il-kixfa taċ-ċelloli bħala l-bażi ta' l-istruttura organika, l-esperimenti fl-istoloġija mikroskopika, l-istudju fuq ir-riti tal-ġisem li wassluna biex nifhmu aħjar il-format tal-ġisem uman, dawn l-affarijiet kollha kienu l-bidu tat-triq tal-mediċina forensika fid-dinja moderna.

Mathieu Joseph Bonaventure Orfila, twieled f'Minorca, fis-sena 1787. Huwa mar Pariġi fil-bidu tad-dsatax il-seklu. Hemmhekk beda studju fuq l-effetti u l-kontenut ta' ċerti veleni. Orfila bla dubju huwa l-fundatur ta' Toksikoloġija Forensika Moderna.

Il-kollega tiegħu Marie Giullaume Alphonse Devergie, poġġa fil-prattika l-użu tal-mikroskopju għall-patoloġija forensika. Fl-1835 ippubblika l-ktieb klassiku tiegħu "Médecine légale, théorique et pratique".

Sadanittant f'Berlin, Johann Ludwig Casper, imwieled Berlin fl-1786, kien qiegħed jaħdem fil-morg mortwarju, "Anatomie". Casper kien speċjalizza l-aktar fuq l-iġsma ta' dawk vittmi ta' xi



**Alphonse Bertillon**

suwiċidju jew omiċidju.

Bejn l-1850 u l-1856 Casper ippubblika żewġ kotba ta' siewi kbir għall-patoloġija forensika. Dawn kienu "Gerichtliche Leichenöffnung" (Forensic Dissection) u "Pratktisches Handbuch der gerichtlichen Medizin" (Practical Manual of Forensic Medicine).

Dawn il-kotba ġew maqluba f'diversi lingwi u saru teżi bażiċi fid-dinja moderna.

Sa l-aħħar tas-seklu dsatax Franza baqgħet il-pajjiż renjanti fil-qasam tal-ġurisprudenza medikali, dan kollu dovut għax-xogħol ta' Orfila u Devergie f'Pariġi, u l-Professur Alexandre Lacassagne ta' Lyons.

Lacassagne twieled fl-1844 f'Cahors u qabel ikkwalifika bħala kirurgu ta' l-armata, huwa attenda l-Ecole Militaire ta' Strasbourg. Lacassagne ngħata kummissjoni bħala kirurgu ta' l-armata fl-Afrika ta' Fuq. Din il-kariga tagħti bidu għall-istudju tiegħu fil-mediċina forensika.

It-tattoo fl-Alġerija kien xi ħaġa komuni bejn l-Alġerin, kif ukoll kienet saret drawwa fost is-suldati Franċiżi. Lacassagne beda jaħseb kif seta' joħloq sistema biex tkun tista' tinżamm bħala rekord biex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-kriminali kkundannati, sistema li aktar 'il quddiem l-antropomerista Alphonse Bertillon ipperfezzjona u adotta b'format ieħor.

Huwa għamel studju intensiv fuq dawn it-tattoo u skopra li dawn ma setgħux jiġu meqruda. Aktar tard huwa pubblika teżi fuq dan is-suġġett. Bħala kirurgu fl-armata, Lacassagne seta' jagħmel riċerka fuq ġrieħi ikkaġunati mill-balal. Huwa seta' jinnota d-daqs, l-għamla u l-apparenza ta' dawn il-ġrieħi. Meta temm is-servizz tiegħu, huwa pubblika fi ktieb ir-riċerki kollha li għamel kemm dam iservi fl-armata. Dan il-ktieb li kien iġib l-isem ta' "Précis de médecine" (1878), intlaqa' tajjeb ħafna tant li sentejn wara huwa ġie maħtur bħala l-ewwel Professur tal-Mediċina Forensika fl-Università ta' Lyons.

Lacassagne kompla jagħmel riċerka waħda wara l-oħra, fosthom insibu dwar l-osservazzjoni ta' lividità (livor mortis), stabbilixxa metodu permezz tat-temperatura tal-ġisem tkun tista' tgħid bejn wieħed u ieħor x'ħin ersuna mietet (rigor mortis), u skoperti oħrajn.

Fl-1899 student ieħor tal-mediċina Bernard Spilsbury ingħaqad ma' trio dominanti ta' dak iż-żmien, fix-xjenza forensika. Dawn kienu Dr (wara Sir) William Willcox, Dr A.P. Luff u Dr A.J. Pepper.

Dawn it-tlieta wrew interess fi Spilsbury; u Pepper b'mod partikolari għin ħafna lil Spilsbury dwar dik li hi toksikoloġija u istoloġija. Spilsbury attenda wkoll korsijiet fil-bakteroloġija, fejn wieħed mill-kollegi tiegħu kien Alexander Fleming li skopra l-penicillin.

Iċ-ċelebrita ta' Spilsbury kienet dovuta l-biċċa l-kbira għax-xogħol tiegħu u għal mod kif kien jippreżentah quddiem il-qrati. Darba waqt li kien qiegħed jixhed fil-każ ta' Crippen, id-difiża kienet għamlet stqarrija fejn fost l-oħrajn din qalet li Spilsbury b'leħnu biss kien biżżejjed biex ixaqleb il-keffa tal-miżien lejn in-naħa tal-prosekuzzjoni.

Anke l-għedewwa tiegħu kienu jammirawh waqt li jkun qiegħed iwettaq xi awtopsja. Hu kien jibda billi jeżamina l-kadavru bir-reqqa minn barra u bli stagħġib għal dawk kollha li jkunu qegħdin josservawh, kien jirnexxilu josserva affarijiet ta' mportanza li kultant huma mpossibli li tarhom viżibli. Huwa kellu sens tax-xamm bħal dak tal-vista.

Darba waħda waqt li kienu

qegħdin itellgħu tebut minn ġo qabar (exhumation), Spilsbury resaq lejn it-tebut magħluq xammem tnejn u lissen dawn il-kelmiet "arseniku, sinjur". Salera ta' Spilsbury kollox kien jaqa' taħt il-kappa tal-mediċina forensika, anke t-toksikoloġija u l-ballistika. Dan ix-xogħol kien kollu attwat għat-tobba sakemm fl-aħħar introduċa oqsma ġodda fil-forensika, dik tal-forensika fiżika u l-forensika kimika.

Spilsbury kien l-ewwel wieħed li daħħal is-sistema tal-"Murder Bag" jew kif inhi magħrufa llum "Scene of Crime Bag".

Fl-1924 Spilsbury ġie mgħajjat biex jinvestiga l-każ ta' Mahon. Mahon kien qattiel li wettaq delitt fuq il-persuna ta' mara li kien jisimha Emily Kaye. Dan wara li qatilha, qattagħha biċċiet żgħar u partijiet minnhom għallihom. Meta Spilsbury wasal fuq il-post, baqa' mkexkex bid-dehra tal-biża' li ra. Hemm isib is-Supretindent tal-pulizija tal-lokal jaqbad b'idejh biċċiet mill-fdalijiet ta' dik il-vittma.

Minbarra li kien qiegħed jieħu riskju għal saħtu, setgħa b'dan l-aġir jeqred xi evidenza li tkun ta' mportanza kbira. Wara li għamel inkjesta Spilsbury skopra li l-Pulizija f'dak iż-żminijiet ma kienetx attrezzata b'affarijiet biex tinvestiga xi xena ta' reat. Għalhekk flimkien ma' Dr Scott Gillet bdew jaħdmu biex jagħmlu l-famuża "Murder Bag". Din il-bagalja ġiet attrezzata b'ingwanti, lentijiet, riga, "swabs", boroż għall-kampjuni, pinzetti, mqass u affarijiet oħra.

Minn dak iż-żmien 'l hawn din il-forma ta' bagalja ġiet adottata mill-forzi tal-pulizija kollha.

Fl-1920, wara li serva għal aktar minn għoxrin sena fl-isptar ta' St Mary's, Spilsbury mar fl-isptar St Bart's fejn beda jagħti letturi fl-Anatomija Morbida u fl-Istoloġija. Sena wara huwa ngħata t-titlu ta' Sir Bernard Spilsbury u fl-1947 huwa rtira fil-laboratorju ta' l-University College, London.

Sydney Alfred Smith twieled fi New Zealand fl-1883. Smith studja l-kimika f'pajjiżu fejn wara mar fl-Università ta' Edinburgh fejn iggradwa fil-mediċina.

Hemmhekk ġie influwenzat ħafna mill-Professur Harvey Littlejohn li kien jokkupa l-presidenza tal-Mediċina Forensika.



**Sir Bernard Spilsbury**

L-għalliem ta' Smith kien Dr Joseph Bell li kien l-ispirazzjoni ta' l-awtur Arthur Conan Doyle, u li għamlu, Sherlock Holmes fin-novelli tiegħu.

Fl-1920, Smith ġie mogħti l-ħatra ta' "medico-legal adviser" għall-Gvern Eġizzjan. Smith waqqaf dipartiment forensiku fl-università tal-Kajr fejn wara ġie nnominat bħala l-ewwel professur ta' dan id-dipartiment. L-avvelenar fl-Eġittu kien xi ħaġa komuni, u Smith malajr sar espert fuq it-toksikoloġija. Kull xorta ta' vjolenza bdiet tikber, speċjalment f'każi ta' sparar. Għalhekk Smith beda jiġbor kull xorta ta' arma tan-nar u balal u beda jesperimenta fuqhom.

Wara li din il-ħatra fl-Eġittu ġiet fit-tmiem, il-konnessjoni ta' Smith ma' l-università ta' Edinburgh, għamlitha l-aqwa ċentru fid-dinja għall-istudju fix-xjenza forensika.

Fl-1928 Smith ġie maħtur Professur (Regius) tal-Mediċina Forensika. Huwa dam jokkupa din il-kariga sal-1953. Smith għal ħafna żmien żamm ukoll il-kariga ta' Dekan fil-Fakultà tal-Mediċina. Fl-1949 irċieva t-titlu ta' Sir Sydney Alfred Smith, għas-servizz li wettaq matul il-karriera tiegħu. Wara li rtira hu baqa' jżomm it-titlu ta' Professur Emeritus, u dam Rettur ta' l-Università għal tlett snin sħaħ, fiż-żmien ħamsin. Fis-sena 1928 ippubblika l-ktieb tiegħu li kien iġib l-isem ta' "Textbook of Forensic Medicine". Huwa miet f'Mejju ta' l-1969. Barra li Smith kien kirurgu u patologu forensiku, huwa kien wieħed minn dawk li eżaminaw l-aspetti kollha possibbli fix-xjenza forensika. Smith ta kontribut fil-qasam ta' toksikoloġija, mikroskopija u ballistika. Smith jibqa' mibki bħala dak il-bniedem li għamel il-patoloġija forensika, waħda aċċettata u mhux biss, iżda rispettata bħala fergħa mix-xjenza tal-mediċina.

Nies oħra kbar li jibqgħu jissemmew fix-xjenza forensika huma Alphonse Bertillon, antropomerista, li kien ħoloq sistema ta' identifikazzjoni, permezz ta' qisien ta' ċerti partijiet mill-ġisem, li dawn kienu jinżammu bħala rekord mill-pulizija.

Eugene Vidocq, Juan Vucetich, Sir Francis Galton, Edward Henry u William Hershel, kollha kemm huma taw kontribut kbir biex tiġi stabbilità s-sistema tal-marki tas-swaba. Fil-waqt li fil-qasam ballistiku barra minn Smith, insibu lil Henry Coddard, Charles E. Waite u Robert Churchill li ħadmu ħafna biex joħolqu sistema ta' forensika ballistika.

Bniedem ieħor li jħalli ismu minqux bid-deheb huwa Mikhail Gerasimov li ta spinta 'l quddiem l-antropoloġija forensika, qasam li għadu fil-bidu tiegħu u li jkopri fih ir-rikostruzzjoni ta' xi persuna, mill-fdalijiet ta' l-għadam.



**Sir Sydney Smith**